



Brussell, 29 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14870/16

LIMITE

ELARG 116

NOTA PUNT "I"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE
data:	29 ta' Novembru 2016
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	TKABBIR – Negożjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni = Kapitolu 19: Politika soċjali u impjegi

Bil-ħsieb li jħejji l-laqqha li jmiss tal-Konferenza mal-Montenegro dwar l-adeżjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE laħaq ftehim dwar abbozz ta' pożizzjoni komuni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Politika soċjali u l-impjegi.

Fid-dawl ta' dan, u f'konformità mal-arranġamenti interni għan-negożjati mal-Montenegro (dok 11903/12), il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jadotta l-pożizzjoni komuni kif tinsab fl-Anness.

Wara l-adozzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-pożizzjoni komuni tal-UE ser titqiegħed għad-disponibbiltà tal-Montenegro qabel il-laqqha li jmiss tal-Konferenza dwar l-Adeżjoni.

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
- IL-MONTENEGRO -**

ABBOZZ TA'

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu 19: Politika soċjali u impjegi

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (CONF-ME 2/12), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn parti jew oħra dwar kapitolu tan-negozjati m'għandha bl-ebda mod tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitoli oħrajn;
- il-qbil - inkluż qbil parzjali - li jintlaħaq matul in-negozjati dwar kapitoli li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistax jitqies bħala qbil finali sakemm ikun ġie stabbilit qbil ġenerali;

kif ukoll għar-rekwiżiti li jinsabu fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tħeġġeġ lill-Montenegro biex ikompli bil-proċess ta' allinjament mal-*acquis* u l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex diġà qabel l-adeżjoni, jiżviluppa linji politiċi u strumenti kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu CONF-ME 4/16, jaċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 19 kif kien fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 2015, u jiddikjara li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli t-tnejjiet tiegħu f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni u b'mod partikolari jiżgura kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Impjiegi u tar-Riżorsi Umani 2016-2020.

Liġi tax-Xogħol

L-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex jallinja ulterjorment il-leġislazzjoni tiegħu dwar ix-xogħol mal-prinċipji bażiċi tal-*acquis*. L-UE tirrikonoxxi li l-Montenegro jipprevedi r-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-adozzjoni ta' Liġi tax-Xogħol ġdida fl-2017, li hija ppjanata li tinkludi dispożizzjonijiet dwar kuntratti ta' impjiegi permanenti u għal żmien determinat, leave tal-ġenituri, pagi, proċeduri ta' tkeċċija u pagamenti ta' terminazzjoni f'każijiet ta' sensji kollettivi, responsabbiltajiet tal-aġenziji ta' impjiegi privati, u l-protezzjoni ta' impjegati li jirrapportaw il-korruzzjoni. Jinħtieġ allinjament, b'mod partikolari mal-partijiet l-aktar importanti tal-*acquis* tal-UE, fost oħrajn fir-rigward tal-protezzjoni taż-żgħażaġh fix-xogħol, ix-xogħol għal żmien determinat, ix-xogħol part-time, l-istazzjonar tal-ħaddiema, is-sensji kollettivi, il-protezzjoni ta' impjegati fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom, ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, it-trasferimenti tal-impriżi, il-ħin tax-xogħol, u l-obbligu ta' min iħaddem li jinforma lill-impjegati dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew ir-relazzjoni industrijali. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Montenegro jiżgura l-konformità u l-infurzar effettiv ta' standards fundamentali tax-xogħol, b'mod partikolari dawk imnaqqxa fil-Konvenzjonijiet Fundamentali tal-ILO.

L-UE tieħu nota tal-emendi għar-Regolament dwar is-sussidji għall-impjieg ta' ċerti kategoriji ta' persuni diżokkupati bil-għan li jiġu appoġġati l-impjiegi. L-UE tieħu nota wkoll ta' miżuri biex tiżdied il-kapaċità amministrattiva fil-Ministeru għax-Xogħol u l-Benesseri Soċjali biex jiġi implimentat u infurzat l-*acquis* fil-qasam tal-leġislazzjoni dwar ix-xogħol, inkluż permezz ta' taħriġ tal-persunal rilevanti. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm allinjament b'mod rapidu mad-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati u biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-infurzar (bħall-ispezzjonijiet tax-xogħol).

L-UE tistieden lill-Montenegro biex jieħu miżuri adatti biex jikkonforma mal-*acquis* dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (Direttiva 2008/94/KE), b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-Fond tax-Xogħol.

Saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol

L-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex jallinja ulterjorment il-leġislazzjoni tiegħu mal-*acquis* fil-qasam tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol. L-UE tinnota li diversi għabriet ta' regoli ġew adottati fir-rigward tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol u li l-Montenegro jipprevedi l-adozzjoni ta' għabriet ta' regoli addizzjoni sal-aħħar tal-2016. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Liġi dwar is-Sigurtà u Saħħa fuq ix-Xogħol tiġi allinjata bis-sħiħ mal-*acquis* tal-UE. Jeħtieġ li tingħata l-attenzjoni dovuta b'mod partikolari lill-allinjament legali mad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u l-infurzar tagħha, peress li fiha l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-prevenzjoni, ir-responsabbiltà ta' min iħaddem, il-valutazzjoni tar-riskji, it-taħriġ, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kif ukoll l-obbligu li jinħatru ħaddiema fir-rigward tal-protezzjoni u l-prevenzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol. L-UE tieħu nota li l-Montenegro adotta l-Istrateġija għat-titjib tas-sigurtà u saħħa fuq ix-xogħol għall-perjodu 2016-2020 li għandha l-għan li tkun f'konformità mal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali.

L-UE tfakkar li l-kapaċità ta' infurzar hija ta' sinifikat partikolari fil-qasam tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol. F'dan ir-rigward, l-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, speċjalment fir-rigward taż-żieda prevista fl-għadd ta' spetturi tax-xogħol. Jinħtieġ li jiġu investiti aktar sforzi fit-taħriġ tal-ispetturi tax-xogħol u fil-koordinazzjoni aħjar bejn il-korpi u d-dipartimenti responsabbli sabiex jiġu żgurati l-kontroll u l-infurzar effettivi tal-leġislazzjoni. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiġu żgurati fondi baġitarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. L-UE tfakkar li l-ispezzjonijiet tas-saħħa u sigurtà identifikaw irregolaritajiet fit-taħriġ tal-impjegati, il-malfunzjonament ta' fondi tax-xogħol u l-eżamijiet mediċi għall-impjegati.

Djalogu soċjali

L-UE tinnota li s-sħab soċjali rappreżentattivi huma fost il-korpi stabbiliti biex iħejju u jimmonitorjaw in-negozjati dwar l-adeżjoni tal-Montenegro mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tfakkar li l-funzjonament tad-djalogu soċjali jinħtieġ li jittejjeb, b'mod partikolari fis-settur privat, u li l-Kunsill Soċjali fil-Montenegro jinħtieġ li jiġi kkonsultat dwar regolamenti ġodda relatati mal-kompetenza tas-sħab soċjali. L-UE tissottolinja li ser tkompli timmonitorja l-progress fir-rigward tal-kriterji ta' rappreżentattività għas-sħab soċjali u żvilupp bilanċjat tad-djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku fil-Montenegro.

L-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva f'dan il-qasam. L-UE tinnota li l-Montenegro qed jieħu passi biex itejjeb il-funzjonament tal-Kunsill Soċjali u l-kunsilli soċjali lokali. L-UE tfakkar fl-importanza tad-djalogu soċjali transsettorjali u settorjali.

Politika tal-impjegi

L-UE tinnota li l-qgħad għoli ġenerali u fit-tul kif ukoll il-parteciċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol miż-żgħażaġh u n-nisa jibqgħu sfida fil-Montenegro. Barra minn hekk, jinħtieġ li jiġu indirizzati l-inċidenza għolja tax-xogħol mhux dikjarat u l-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li titkompla tingħata attenzjoni suffiċjenti lill-politika attiva tas-suq tax-xogħol, it-titjib tal-ħiliet u t-tnaqqis ta' xogħol mhux dikjarat, ukoll permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati fondi baġitarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti.

L-UE tinnota li l-Montenegro jipparteċipa fil-proċess tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika bil-
ħsieb tat-tnejjja tal-Montenegro għas-Semestru Ewropew. L-UE tieħu nota tal-adozzjoni tal-
Programm dwar l-Impjiegi u r-Riforma Soċjali 2015-2020 u l-Istrateġija dwar l-Impjiegi Nazzjonali
u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani 2016-2020. Sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-koordinazzjoni
tal-politika tal-UE dwar l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, huwa essenzjali li l-pajjiżi jkollhom
kapacià analitika adatta biex ifasslu u jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mal-politika dwar l-impjiegi
u l-inklużjoni soċjali. Dan jirrikjedi li jkunu fis-seħħ miżuri, politika u azzjonijiet adatti kif ukoll il-
mobilizzazzjoni tal-partijiet kollha ikkonċernati (e.ż. is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-
soċjetà ċivili), u l-ħila li jiġu mmonitorjati l-impjiegi u l-iżviluppi u l-politika soċjali, inkluż
permezz ta' statistika preċiża fil-qasam soċjali u tal-impjiegi, u l-kejl tal-progress soċjali. Jirrikjedi
wkoll istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol adatti, inkluż istituti tat-taħriġ vokazzjonali, uffiċċji
pubbliċi għall-impjiegi u s-servizzi soċjali. L-UE tirrakkomanda li, fis-servizz pubbliku tal-
impjiegi, in-netwerk ta' uffiċċji lokali għall-impjiegi jkun armat u mifruq b'mod suffiċjenti sabiex
tiġi implimentata l-istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi. L-UE tieħu nota li sa mill-2015 il-
Montenegro jista' jipparteċipa fl-assi PROGRESS u Mikrofinanzjament tal-Progress taħt il-
Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI).

L-UE tinnota li l-livell edukattiv fil-forza tax-xogħol fil-Montenegro huwa iktar baxx minn dak tal-
forza tax-xogħol fl-UE; problema strutturali partikolarment evidenti hija n-nuqqas ta' allinjament
bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, aggravata bil-persentaġġ baxx ta'
adulti, speċjalment nisa, li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar fl-
importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-adulti u tieħu nota tal-Istrateġija għat-Tagħlim tal-Adulti
2015-2025 u l-pjanijiet tal-Montenegro li, sal-2017, iwettaq attivitajiet li jiżviluppaw kwalifiki u
programmi ġodda jew li jimmodifikaw dawk eżistenti - abbażi ta' eżiti tat-taħriġ - akkumpanjati
minn taħriġ għall-għalliema.

L-UE tinnota li n-nisa huma sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, influwenzati fost oħrajn mill-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol u l-eżistenza ta' diżinċentivi għax-xogħol. L-UE tieħu nota tal-emendi adottati reċentement għal-Liġi dwar il-Protezzjoni Soċjali u tat-Tfal li jintroduċu benefiċċji soċjali tul il-ħajja għal nisa bi tlett itfal jew aktar, li x'aktarx jiskoraġġixxu ulterjorment lin-nisa milli jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jaggrava n-nefqa soċjali. L-UE tirrakkomanda li l-impatt ta' din il-miżura għandu jiġi vvalutat b'mod effettiv u l-emendi meħtieġa introdotti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha u jkun iktar fil-mira l-benefiċċji bbażati fuq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet aktar milli benefiċċji universali ta' dan it-tip. L-UE tinnota li n-nisa jiffaċċaw ukoll diffikultajiet biex jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja u jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol minħabba obbligi ta' kura tal-familja u li l-kopertura tal-indurkar tat-tfal mhijiex suffiċjenti. L-UE tieħu nota ta' pjanijiet biex isir investiment fl-infrastruttura tal-edukazzjoni ta' qabel l-iskola.

Fir-rigward tax-xogħol mhux dikjarat, l-UE tieħu nota tal-miżuri differenti meħuda f'dan il-qasam bħall-pjanijiet ta' azzjoni annwali inkluż miżuri ta' superviżjoni u spezzjoni kontinwi u intensifikati matul l-istaġun tat-turisti u l-vaganzi. L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli jiġġielek kontra x-xogħol mhux dikjarat permezz ta' approċċ komprensiv li jkun fih miżuri ta' deterrenza u miżuri preventivi. L-iżgurar li għadd suffiċjenti ta' spetturi tax-xogħol u t-taħriġ tagħhom huwa ta' importanza partikolari biex ix-xogħol mhux dikjarat jiġi indirizzat b'mod effettiv.

L-UE tieħu nota tal-isforzi tal-Montenegro biex isaħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu biex jimplimenta miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-impjiegi lokali u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ. L-UE tissottolinja l-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-kopertura tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u għall-persuni inqas vantaġġjati sabiex jinkisbu aktar integrazzjoni u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Fond Soċjali Ewropew

L-UE tisħaq fuq l-importanza tat-tnejja tal-Montenegro għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, b'mod partikolari għall-Fond Soċjali Ewropew. L-UE tfakkar li minbarra t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-taħriġ adegwat f'dan il-qasam. Barra minn hekk l-involviment tas-sħab soċjali huwa element kruċjali fl-implimentazzjoni.

Inklużjoni soċjali

L-UE tfakkar li jinħtieġu aktar sforzi fil-qasam tal-inklużjoni attiva ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari li jiġi żviluppat approċċ komprensiv lejn il-provvediment ta' appoġġ għal dħul adegwat, li jwassal għal suq tax-xogħol inklużiv u jiżgura l-aċċess għal servizzi ta' kwalità. L-indirizzar ta' sfidi soċjali ewlenin jirrikjedi li tiżdied il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol u tissaħħaħ l-assistenza soċjali u l-provvediment tal-kura biex ikunu fil-mira iktar dawk fil-bżonn, inkluż l-indirizzar tal-inugwaljanzi reġjonali.

L-UE tieħu nota tal-Istrateġija għall-Inklużjoni Soċjali tar-Roma u l-Eġizzjani fil-Montenegro 2016-2020, adottata f'Marzu 2016, iżda tfakkar fil-ħtieġa li jiġu allokat iżors suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

L-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali, bħall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Soċjali u tas-Sistema tal-Protezzjoni tat-Tfal 2013-2017. L-UE tilqa' l-istabbiliment tal-Istitut għall-Protezzjoni Soċjali u tat-Tfal fl-2014, li sar operazzjonali fl-2015, u tistenna b'interess ir-rwol li dan l-istitut ser jaqdi fis-sistema tal-protezzjoni tat-tfal, fil-bini tal-kapaċità u fl-assigurar tal-kwalità tas-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal. L-UE tilqa' l-proġett "Karta Soċjali - Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Servizzi Soċjali", bil-għan li jittejbu l-immirar u l-kopertura tal-assistenza soċjali.

L-UE tilqa' l-progress li sar fil-kura alternattiva tat-tfal, inkluż fir-rigward tad-deistuzzjonalizzazzjoni. Għandhom ikomplu l-isforzi biex tissaħħaħ sistema ta' foster care u jeħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati servizzi għal tfal li jaqbzul-età tal-kura u li is-servizzi ikunu kontinwi .

L-UE tieħu nota tal-Istrateġija għall-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabbiltà fil-Montenegro 2016-2020, adottata f'Settembru 2016, il-liġi dwar il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabbiltajiet, adottata f'Ġunju 2015, u tal-isforzi li saru għall-konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li titkompla ż-żieda tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà u li jinħolqu servizzi bbażati fil-komunità bħala alternattiva għall-istituzzjonalizzazzjoni. L-UE tieħu nota tal-isforzi li għamel il-Montenegro biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva f'dan il-qasam.

Protezzjoni soċjali

L-UE tieħu nota tal-bidliet reċenti introdotti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni kif ukoll il-proċess tal-introduzzjoni takarta soċjali - sistema ta' informazzjoni dwar is-servizzi soċjali. L-UE tinnota li l-liġi dwar l-assigurazzjoni tal-pensjoni u tad-diżabbiltà ġiet emendata ulterjorment.

L-UE tfakkar li jinħtieġu miżuri ulterjuri għat-titjib tal-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjoni, inkluż permezz tal-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol u miżuri ulterjuri li jillimitaw l-irtirar bikri kif ukoll opzjonijiet għall-finanzjament tal-iskemi tal-pensjoni. L-UE tappella lill-Montenegro biex jaċċellera l-ugwalizzazzjoni tal-età statutorja tal-irtirar għan-nisa u l-irġiel.

Nondiskriminazzjoni fl-impjiegi u l-politika soċjali

L-UE tieħu nota li l-Montenegro għamel xi progress fl-allinjament tal-qafas legiſlattiv ġenerali dwar in-nondiskriminazzjoni mal-*acquis*. L-UE tfakkar li jinħtieġ allinjament ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' sanzjonijiet għall-atti ta' diskriminazzjoni. Jeħtieġ li s-sanzjonijiet jiġu allinjati fil-liġijiet kollha marbuta man-nondiskriminazzjoni u jeħtieġ li jkunu diſsważivi. L-UE tfakkar li jeħtieġ li l-uffiċċju tal-Ombudsman ikun indipendenti u kapaċi jwettaq sħarriġ u rapporti indipendenti u jipprovdi assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, kif meħtieġ mill-*acquis*. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati kapaċità amministrattiva suffiċjenti u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti.

Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjiegi u fil-politika soċjali

L-UE tinnota li l-leġislazzjoni f'dan il-qasam hija fis-seħħ fil-Montenegro, li fiha l-paga indaqs, l-aċċess għall-impjiegi u l-leave tal-maternità. L-UE tieħu nota tal-adozzjoni tal-liġi li temenda l-liġi dwar l-Ugwaljanza fost is-Sessi f'Ġunju 2015. L-UE tfakkar li jinħtieġ allinjament legali ulterjuri biex iġib il-leġislazzjoni konformi mal-*acquis*, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet ta' paga indaqs u skemi tas-sigurtà soċjali okkupazzjonali (Direttiva 2006/54/KE), tal-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom (Direttiva 2010/41/UE) u tal-iskemi ta' sigurtà soċjali statutorji (Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE). L-allinjament legali għad għandu jitlesta wkoll fl-oqsma tal-leave tal-ġenituri (Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE) u l-leave tal-maternità (Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE). L-UE tieħu nota li l-istituzzjoni tal-Ombudsman fil-Montenegro hija wkoll il-korp ta' Ugwaljanza meħtieġ mill-*acquis*. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati kapaċità amministrattiva suffiċjenti u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti.

* * *

Fid-dawl tal-istat preżenti tat-tnejjiet tal-Montenegro, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Montenegro għandu jkompli jagħmel progress fl-allinjament mal-*acquis* kopert bil-kapitolu dwar il-Politika soċjali u l-Impjiegi u fl-implimentazzjoni tiegħu, dan il-kapitolu ma jistax jingħalaq proviżorjament qabel ma jkun hemm qbil mill-UE li l-punti ta' riferiment li ġejjin intlaħqu:

- Il-Montenegro jemenda l-Liġi tax-Xogħol u l-Liġi dwar is-Sigurtà u Saħħa fuq ix-Xogħol sabiex jallinja l-leġislazzjoni tiegħu fl-oqsma tal-liġi tax-xogħol u s-sigurtà u saħħa fuq ix-xogħol mal-*acquis*, u juri li ser ikunu fis-seħħ sa żmien l-adeżjoni l-istrutturi amministrattivi u l-kapaċità ta' infurzar adegwati biex jiġi implimentat b'mod korrett l-*acquis* dwar il-liġi tax-xogħol u s-sigurtà u saħħa fuq ix-xogħol, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tas-sistema ta' spezzjonar tax-xogħol.

- Il-Montenegro jemenda l-liġijiet dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjiegi u l-politika soċjali sabiex jallinja l-leġislazzjoni tiegħu f'dawn l-oqsma mal-*acquis*, u juri li ser ikunu fis-seħħ sa żmien l-adeżjoni l-istrutturi amministrattivi adegwati, b'mod partikolari il-korp tal-ugwaljanza meħtieġ, l-Ombudsman, u l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' infurzar.
- Il-Montenegro jsaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar effettiv tal-leġislazzjoni u l-oqfsa ta' politika kollha fl-oqsma tal-impjiegi u l-politika soċjali, inkluż kapaċitajiet ta' ppjanar u operazzjonali, biex jiżgura d-djalogu effettiv bejn l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali kif ukoll biex jiżgura l-ġestjoni futura tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-*acquis* u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tiddedika attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-allinjament legali sħiħ tal-Montenegro mal-*acquis* f'dan il-kapitolu kif ukoll il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu. Jeħtieġ li tingħata konsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħrajn tan-negozjati. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Montenegro mal-*acquis* u tal-kapaċità implimentattiva tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro biex jipprovdri regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis*.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument adatt.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* ġdid bejn is-26 ta' Marzu 2015 u l-konklużjoni tan-negozjati.
